MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 389/2011

Raymond Abela (Id 350453M).

Vs

Marshall Limited (C 10331).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta li huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta; illi madankollu s-socjeta' konvenuta naqset milli thallsu salarju li jammonta ghal elf, sitt mija u seba` u sebghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€1,677.38); illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas, s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; ghalhekk talab l-attur li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallsu s-somma ta' elf, sitt mija u seba` u sebghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€1,677.38), bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 2011, u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Gunju 2011 fejn deher James Marshall in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, sitt mija u seba` u sebghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€1,677.38), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------